2025/939

19.5.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/939**

**tat-13 ta’ Mejju 2025**

**li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta’ Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Awstrijak,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta’ Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta’ Jannar 2025 sal-25 ta’ Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Barbara EIBINGER-MIEDL u għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Heinrich DORNER saru vakanti żewġ siġġijiet ta’ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Awstrijak ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta’ korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandati attwali, li jintemmu fil-25 ta’ Jannar 2030: Is-Sur Robert HERGOVICH, *Abgeordneter des Burgenländischen Landtags* (Membru tal-Parlament tal-Istat ta’ Burgenland), u s-Sur Karlheinz Manuel KORNHÄUSL, *Landesrat der Steiermärkischen Landesregierung* (Membru tal-Gvern tal-Istat ta’ Steiermark),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta’ korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali huma b’dan maħtura bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2030:

— Is-Sur Robert HERGOVICH, *Abgeordneter des Burgenländischen Landtags* (Membru tal-Parlament tal-Istat ta’ Burgenland),

— Is-Sur Karlheinz Manuel KORNHÄUSL, *Landesrat der Steiermärkischen Landesregierung* (Membru tal-Gvern tal-Istat ta’ Steiermark).

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta’ Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta’ Jannar 2025 sal-25 ta’ Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta’ Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. DOMAŃSKI